# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 30**

**Avviz numru 1171/99/SM**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rapprezentantrici tas-socjeta' assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Vitale.**

**vs**

**Joseph Grima**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 t'Awissu ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-30 ta' Dicembru 1998 f'Attard waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru GAL 337, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru HAC 026 proprjeta' ta' assikurat tal-attur Mario Vitale, u kkaguna hsara f'din il-vettura;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett mija u ghaxar Liri Maltin u zewg centezmi (LM310.02,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;**

**3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

**4. Bl-ispejjez komprisi dawk ta' ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu 1999, tal-konsult (LM12.00,0) u ta' ittra ufficcjali ohra ppresentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Ottubru ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi ghall-incident ma jahtix l-eccipjenti billi dan gara b'tort u htija tas-sewwieq tal-vettura l-ohra u cioe' Marthese Vitale, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u f'kull kaz, id-danni pretizi mis-socjeta' attrici huma eccessivi;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-30 ta' Dicembru, 1998 ghall-habta tas-12.45 – 1.30 p.m. gewwa Triq l-Ghenba, Hat-Attard;**

2. **Illi l-vetturi nvoluti kienu wahda tal-marka Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni HAC-026 misjuqa minn Marthese Vitale u l-ohra tal-marka Bedford bin-numru ta' registrazzjoni GAL-337 misjuqa mill-konvenut Joseph Grima;**

3. **Illi jirrizulta li l-vettura misjuqa minn Vitale li kienet regolarment assigurata mas-socjeta' attrici nomine kienet ipparkjata fuq in-naha tax-xellug tat-triq fuq indikata u ghalkemm rat il-vettura tal-konvenut ikkalkolat li jekk issuq mill-post fejn kienet ipparkeggiata kienet tghaddi;**

4. **Illi jirrizulta wkoll li l-konvenut ra lill-vettura l-ohra involuta fl-incident u ikkalkola, hu wkoll, li seta' jipprocedi b'inkolumita';**

5. **Illi kien hemm ukoll diversi vetturi ohra pparkeggiati fit-triq de quo;**

6. **Illi nonostante l-kalkoli tal-konducenti involuti sehh l-incident in dizamina;**

7. **Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine jirrizultaw pprovati konklussivament;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-vertenza odjerna hi wahda tassew semplici stante:**

1. **Illi l-konducenti raw lill-xulxin sew u minghajr l-ebda ostakolu;**

2. **Illi t-tnejn li huma agixxew wara li ghamlu l-kalkoli taghhom;**

3. **Illi dawn il-kalkoli rrizultaw li kienu erronei;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi illi:**

1. **Tiddikjara li l-konducenti nvoluti fuq riferit huma ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine fl-ammont ta' tlett mija u ghaxar Liri Maltin u zewg centezmi, (LM310.02,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Joseph Grima jhallas nofs dan l-ammont hekk likwidat, senjatament mija u hamsa u hamsin Lira Maltin u centezmu, (LM155.01,0) lis-socjeta' attrici, bl-ispejjez ta' din il-procedura wkoll jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, bl-imghaxijiet dovuti fuq l-ammont hekk likwidat mid-data ta' l-ittra ufficcjali ta' l-1 ta' Marzu ta' l-1999.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**